Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# L-Intenzjonijiet tal-Papa għas-Sena 2026



JANNAR

**Għat-talb bil-Kelma ta' Alla**

Nitolbu biex it-talb bil-Kelma ta' Alla jkun ikel għal ħajjitna u għajn ta' tama għall-komunitajiet tagħna, u jgħinna nibnu Knisja aktar fraterna u missjunarja.



FRAR

**Għat-tfal b'mard li m'hemmx fejqan għalih**

Nitolbu għat-tfal b'mard li m'hemmx fejqan għalih u għall-familji tagħhom biex jirċievu l-kura medika meħtieġa u s-sapport, bla ma jitilfu l-kuraġġ u t-tama.



MARZU

**Għad-diżarmament u l-paċi**

Nitolbu biex il-pajjiżi jersqu tassew lejn id-diżarmament, l-aktar dak nukleari, u biex il-mexxejja tad-dinja jagħżlu t-triq tad-djalogu u tad-diplomazija flok dik tal-vjolenza.



APRIL

**Għas-saċerdoti fi kriżi**

Nitolbu għas-saċerdoti li għaddejjin minn żmien ta' kriżi fil-vokazzjoni tagħhom biex isibu l-akkumpanjament li jkollhom bżonn u biex il-komunitajiet jifhmuhom u jitolbu għalihom.



MEJJU

**Biex kulħadd ikollu x'jiekol**

Nitolbu ħalli kull persuna, mill-produtturi l-kbar sal-konsumaturi ż-żgħar, timpenja ruħha biex ma jinħeliex ikel u li kulħadd ikollu aċċess għal ikel bnin.



ĠUNJU

**Għall-valuri tal-isport**

Nitolbu biex l-isport ikun mezz ta' paċi u djalogu bejn il-kulturi u n-nazzjonijiet, u jippromwovi valuri bħalma huma r-rispett, solidarjietà u maturità personali.

Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# L-Intenzjonijiet tal-Papa għas-Sena 2026



LULJU

**Għar-rispett tal-ħajja umana**

Nitolbu sabiex il-ħajja umana tkun rispettata u protetta fil-fażijiet kollha tagħha, u titqies bħala rigal minn Alla.



AWWISSU

**Għall-evanġelizzazzjoni fil-bliet**

Nitolbu sabiex fil-bliet il-kbar, spiss karatterizzati mill-anonimità u s-solitudni, insibu modi ġodda ta' kif inħabbru l-Vanġelu billi niskopru toroq kreattivi ta' kif tinbena komunità.



SETTEMBRU

**Biex nieħdu ħsieb tal-ilma**

Nitolbu għal tqassim ġust u sostenibbli tal-ilma sabiex kulħadd ikollu aċċess indaqs għal din ir-riżorsa vitali.



OTTUBRU

**Għal ministeru tas-saħħa mentali**

Nitolbu biex jitwaqqaf il-ministeru tas-saħħa mentali kullimkien fil-Knisja ħalli tingħeleb l-istigma u d-diskriminazzjoni ta' persuni b'mard mentali.



NOVEMBRU

**Għall-użu xieraq tal-ġid**

Nitolbu sabiex ir-rikkezza tintuża tajjeb billi ma naqgħux għat-tentazzjoni tal-egoiżmu, iżda nqegħduha dejjem għas-servizz tal-ġid komuni b'solidarjetà ma' min għandu anqas.



DIĊEMBRU

**Għall-familji b'ġenitur wieħed**

Nitolbu għall-familji li qed iġarrbu n-nuqqas tal-omm jew tal-missier, sabiex isibu fil-Knisja min jgħinhom u jimxi magħhom, u fil-fidi wens u qawwa fiż-żmenijiet diffiċli.

Pope's Prayer Network - Malta

email: talbmalpapa@gmail.com